



Brussell, 5 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8622/20

JAI 473
JAIEX 48
RELEX 418
ASIM 32
COWEB 80
COSI 93
ENFOPOL 134

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	5 ta' Ġunju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8132/20 REV 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mas-sħab tal-Balkani tal-Punent fil-qasam tal-migrazzjoni u s-sigurtà

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mas-sħab tal-Balkani tal-Punent fil-qasam tal-migrazzjoni u s-sigurtà, adottati fil-5 ta' Ġunju 2020.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mas-sħab tal-Balkani tal-Punent fil-qasam tal-migrazzjoni u s-sigurtà

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. FILWAQT LI JFAKKAR fid-diskussjoni li saret fil-laqgħa informali tal-ministri fl-24 ta' Jannar f'Zagreb dwar approċċi possibbli għall-ġlieda kontra n-networks ta' faċilitazzjoni tal-migrazzjoni illegali fil-Balkani tal-Punent abbażi tar-Rapport Konġunt imħejji mill-Europol, il-Frontex u l-EASO¹, li appellaw għal kooperazzjoni aktar strutturata mas-sħab tal-Balkani tal-Punent, kif ukoll id-Dikjarazzjoni ta' Sofija maħruġa fis-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent f'Mejju 2018, il-messaġġi politiċi espressi matul is-summit f'Sibiu f'Mejju 2019, kif ukoll id-Dikjarazzjoni ta' Zagreb maħruġa fis-summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent f'Mejju;
2. FILWAQT LI JFAKKAR li l-kooperazzjoni u l-progress ulterjuri ta' sħabna tal-Balkani tal-Punent fi triqithom lejn l-Ewropa huma kontribut għall-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità tal-Ewropa tax-Xlokk kif ukoll tal-Unjoni Ewropea;
3. FILWAQT LI JILQA' l-impenn tas-sħab tal-Balkani tal-Punent li jirrispettaw il-valuri u l-prinċipji Ewropej u li jwettqu r-riformi meħtieġa bir-reqqa u b'mod vigoruż;

¹ ST 5312/20

4. FILWAQT LI JILQA' l-impenn qawwi tas-sħab tal-Balkani tal-Punent għas-supremazija tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, speċjalment il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u kontra l-kriminalità organizzata, il-governanza tajba, kif ukoll ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi;
5. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-isforzi li għaddejjin bħalissa mill-UE u mill-Balkani tal-Punent biex tiġi miġġielda l-pandemija tal-coronavirus, inkluż l-effetti tagħha fuq il-migrazzjoni u l-politiki ta' sigurtà, kif ukoll il-pakkett ta' aktar minn EUR 3.3 biljun għall-benefiċċju tal-Balkani tal-Punent²;
6. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-fatt li approċċ komprensiv fil-qasam tal-migrazzjoni u s-sigurtà jirrikjedi riformi kontinwi fil-Balkani tal-Punent u li l-implimentazzjoni b'suċċess ta' dawn ir-riformi tirrappreżenta aspett importanti tal-perspettiva tal-UE tas-sħab tal-Balkani tal-Punent.
7. FILWAQT LI JFAKKAR li l-pressjoni migratorja eżerċitata fuq l-Unjoni Ewropea u l-Pajjiżi Assoċjati ta' Schengen kif ukoll fuq is-sħab tal-Balkani tal-Punent mir-rota tal-migrazzjoni tal-Lvant tal-Mediterran mill-2015 'il quddiem kienet sinifikanti;
8. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li d-Dikjarazzjoni UE-Turkija ta' Marzu 2016, ikkumplementata mill-isforzi mwettqa b'mod konġunt mill-Istati Membri tal-UE u s-sħab tagħna tal-Balkani tal-Punent biex jipprevjenu l-flussi tal-migrazzjoni illegali, naqqsu l-migrazzjoni illegali mit-Turkija lejn l-UE;
9. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li s-sħab tal-Balkani tal-Punent għamlu progress sostanzjali fl-istabbiliment ta' istituzzjonijiet ġodda jew imtejba, u fl-implimentazzjoni ta' liġijiet u proċeduri fl-oqsma tal-asil, il-protezzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri, u l-migrazzjoni legali, kif ukoll it-traspożizzjoni tal-acquis tal-UE;

² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April dwar Appoġġ lill-Balkani tal-Punent fil-ġlieda kontra l-COVID-19 u l-irkupru wara l-pandemija

10. FILWAQT LI JIRRIKONOXI l-isforzi kemm tas-sħab tal-Balkani tal-Punent kif ukoll tal-Istati Membri tal-UE fit-titjib tal-kooperazzjoni bilaterali bil-għan li jipprevjenu l-migrazzjoni illegali u s-soġġorn illegali u jnaqqsu l-għadd kbir ta' applikazzjonijiet għall-asil bla bażi miċ-ċittadini tal-Balkani tal-Punent, b'mod partikolari permezz ta' sforzi akbar fil-ġlieda kontra t-traffikar u d-dħul klandestin ta' ċittadini proprji, iż-żieda fil-kooperazzjoni tar-ritorn u l-promozzjoni tal-użu ta' kanali ta' migrazzjoni legali, f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali;
11. FILWAQT LI JINNOTA li madankollu, il-persjoni migratorja żdiedet fl-2018 u fl-2019 u l-flussi migratorji biddlu xejriet f'termini kemm tar-rotta kif ukoll tal-kompożizzjoni;
12. FILWAQT LI JINNOTA li l-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali hija objettiv primarju;
13. FILWAQT LI JQIS il-livelli għoljin reċenti ta' persjoni migratorja fl-Ewropa tax-Xlokk, b'mod partikolari fil-fruntieri bejn it-Turkija u l-Greċja, u li sitwazzjoni politika, ekonomika jew ta' sigurtà li sejra għall-aghbar fil-Lvant Nofsani, l-Afrika u l-Asja t'Isfel, kif ukoll l-impatt soċjoekonomiku tal-Covid-19 fuq il-pajjiżi tal-oriġini u ta' tranżitu, tista' tikkawża żieda fil-movimenti tal-migranti u r-refuġjati;
14. FILWAQT LI JFAKKAR fl-impenn tal-UE għal politika komprensiva dwar il-migrazzjoni li tinkludi l-kontroll effettiv tal-fruntieri esterni tal-UE;
15. FILWAQT LI JIRRIKONOXI li l-persjoni migratorja fuq ir-rotta mill-Ewropa tal-Lvant kienet qed tiżdied b'mod kostanti qabel ma nġhalqu l-fruntieri minħabba l-pandemija tal-coronavirus u din il-persjoni tistimula l-provvista u d-domanda għal servizzi ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin biex migranti jaqsmu l-fruntieri tas-sħab fl-Ewropa tax-Xlokk, mingħajr dokumenti jew fil-pussess ta' dawki iffalsifikati, li twassal għall-abbuż tal-migranti minn faċilitaturi ta' dħul klandestin jew traffikanti tal-bnedmin li spiss ipogħu fil-periklu l-ħajja tal-migranti;

16. FILWAQT LI JIRRIKONOXI li l-isfidi migratorji għas-sħab tal-Balkani tal-Punent huma interkonnessi ma' dawk li tħabbat wiċċha magħhom l-UE u li hija meħtieġa azzjoni biex jiġi żgurat li huma mġhamra sew biex jirrispondu b'mod kostruttiv għall-isfidi komuni;
17. FILWAQT LI JIRRIKONOXI l-importanza tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu, inkluż il-finanzjament, ir-radikalizzazzjoni u r-ritorn ta' ġellieda terroristi barranin;
18. FILWAQT LI JESPRIMI t-tħassib rigward it-tentattivi possibbli ta' Ġellieda Terroristi Barranin li jirritornaw biex jidħlu fit-territorju Ewropew permezz tal-użu ta' networks ta' faċilitazzjoni tal-migrazzjoni illegali attivi fir-reġjun tal-Ewropa tax-Xlokk;
19. FILWAQT LI JFAKKAR li r-reġjun tal-Balkani tal-Punent qed jiffaċċa sfidi ta' sigurtà minn gruppi tal-kriminalità organizzata jew gruppi terroristiċi;
20. FILWAQT LI JIRRIKONOXI li ħafna mit-theddid għas-sigurtà huma transkonfinali minnhom infushom u dan jitlob koerenza fil-miżuri meħuda mill-UE u s-sħab tagħha u kooperazzjoni msaħħa inkluż fil-livell operazzjonali. Għalhekk, huwa importanti li jissaħħu l-kapaċitajiet tas-sħab tal-Balkani tal-Punent fil-qasam tal-migrazzjoni u s-sigurtà, kif ukoll li jissaħħu u jiġu approfonditi l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni;
21. FILWAQT LI JENFASIZZA s-suċċessi operazzjonali miksuba taħt iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja (EMPACT) għall-perijodu 2018-2021, l-aktar fil-qasam tal-ġlieda kontra l-Faċilitazzjoni tal-Immigrazzjoni Illegali (FII), it-Traffikar ta' Bnedmin (THB), it-traffikar tal-armi tan-nar (FIA), il-ġlieda kontra l-Frodi ta' Dokumenti (DOC FRAUD), Finanzi Kriminali u Ħasil tal-Flus (CFMLAR)³;

³ ST 7704/17

22. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol tad-delegazzjonijiet tal-UE fil-Balkani tal-Punent fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' kooperazzjoni u l-appoġġ mogħti lir-reġjun permezz tal-istrumenti tal-politika barranija tal-UE;
23. FILWAQT LI JIBNI fuq is-sett komprensiv u operazzjonali ta' miżuri adottati mill-Kunsill fis-6 ta' Diċembru 2018 biex itejbu r-rispons għal networks tal-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni illegali, b'attenzjoni speċifika fuq il-Balkani tal-Punent⁴;
24. FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza li jintbagħtu rappreżentanti tas-sħab tal-Balkani tal-Punent fl-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Intern Ewropej rilevanti, u li b'mod reċiproku jsaħħu l-involvement tal-Aġenziji Ewropej tal-Ġustizzja u l-Intern u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri fil-Balkani tal-Punent⁵;
25. FILWAQT LI JINNOTA r-rwol tal-Kummissjoni Ewropea fl-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji adegwati, inkluż fi ħdan fondi u strumenti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, u fil-koordinazzjoni tal-appoġġ tal-UE lis-sħab fil-Balkani tal-Punent għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tagħhom biex iwettqu aktar attivitajiet fil-politika tal-migrazzjoni u s-sigurtà;
26. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-isforzi bilaterali u multilaterali li saru minn diversi Stati Membri biex jappoġġaw lis-sħab tal-Balkani tal-Punent fil-qasam tal-ġestjoni u s-sigurtà tal-fruntieri, l-asil u l-akkoljenza;

⁴ ST 15250/18

⁵ ST 5754/20

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI, FLIMKIEN MAS-SĦAB TAL-BALKANI TAL-PUNENT biex:

27. ikomplu jappoġġaw lis-sħab tal-Balkani tal-Punent rigward kwistjonijiet ta' migrazzjoni u sigurtà f'konformità mal-approċċ komprensiv tal-UE fl-iżvilupp ta' networks ta' kooperazzjoni u ta' sħubija, sabiex:

- jiksbu politika tal-migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri aktar effiċjenti, speċjalment fir-rigward tal-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali u l-movimenti sekondarji, f'konformità mal-prijoritajiet u l-istrateġiji tal-UE;
- ikomplu jtejbu l-funzjonament tas-sistemi tal-asil tas-sħab (inkluż ir-reġistrazzjoni u t-tisħiħ ta' kapaċitajiet ta' akkoljenza adegwati għall-migranti u r-refuġjati), b'kont meħud tal-oġettivi primarji li jinkiseb allinjament mal-acquis tal-UE dwar l-asil u li jiġi żgurat li sħab fil-Balkani tal-Punent jitqiesu bħala pajjiżi terzi sikuri;
- ikomplu jsaħħu l-kooperazzjoni ta' riammissjoni, inkluż fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li applikaw għal protezzjoni internazzjonali fil-Balkani tal-Punent u li ma jikkwalifikawx għal protezzjoni internazzjonali;
- isaħħu l-kapaċità biex jitwettqu ritorni volontarji u furzati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali lejn il-pajjiżi tal-orijini;
- jagħtu spinta lill-iskambju ta' informazzjoni reġjonali kif ukoll itejbu aktar il-kanali ta' komunikazzjoni eżistenti bejn is-sħab tal-Balkani tal-Punent u l-UE;

- isaħħu l-kooperazzjoni u jagħtu spinta lill-kapaċità tas-sħab li jindirizzaw it-tixrid tad-diżinformazzjoni u tal-aħbarijiet foloz, kif ukoll sforzi minn atturi barranin biex jistrumentalizzaw il-persjoni migratorja tul ir-rotot fil-Balkani tal-Punent;
- isaħħu l-kapaċità tal-Balkani tal-Punent biex jirreaġixxu għal ċiberattakki u theddid ibridu possibbli;
- isaħħu l-abbiltà tas-sħab li jiżmantellaw networks ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u traffikar ta' bnedmin;
- jirreaġixxu għat-theddidiet ewlenin għas-sigurtà u l-isfidi umanitarji;
- jiżguraw taħriġ adegwat biex tissaħħa reazzjoni konsistenti għall-isfidi fl-oqsma msemmija hawn fuq sabiex;
- jagħmlu użu minn strumenti tal-UE fis-seħħ u jikkooperaw permezz tagħhom, inkluż missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK, f'konformità mal-Approċċ Integrat.

28. ikomplu jesploraw possibbiltajiet għal kooperazzjoni aktar mill-qrib mas-CEPOL, l-Europol, l-EASO u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fl-oqsma rispettivi tagħhom, kif ukoll strumenti ta' politika barranija, inkluż dwar il-prevenzjoni ta' movimenti sekondarji illegali u l-għieda kontra l-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni irregolari u forom oħra ta' kriminalità serja, fil-kuntest tal-appell mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jiġu finanzjati sħubijiet operazzjonali komuni permezz tal-istrumenti finanzjarji ddedikati;

29. jiġġieldu b'mod effettiv il-kriminalità organizzata (speċjalment networks kriminali organizzati involuti fit-traffikar tal-migranti, it-traffikar tal-armi tan-nar, il-produzzjoni u t-traffikar tad-drogi, it-traffikar tal-bnedmin, il-frodi tad-dokumenti u l-ħasil tal-flus), kif ukoll it-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti;
30. jiżviluppaw konverġenza usa' tal-istandards u l-kapaċitajiet operazzjonali bejn is-sħab tal-Balkani tal-Punent u f'kooperazzjoni mas-sħab tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni u s-sigurtà;
31. ikomplu jtejbu l-produzzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri tal-UE u s-sħab mill-Balkani tal-Punent billi jaqsmu informazzjoni kif ukoll data rilevanti dwar każijiet ewlenin ta' attivitajiet kriminali transkonfinali, soġġett għall-ħtiġijiet rilevanti tal-protezzjoni tad-data;
32. isaħħu l-partekippazzjoni tas-sħab tal-Balkani tal-Punent f'azzjonijiet operazzjonali rilevanti taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE/EMPACT, inkluż permezz tal-partekippazzjoni f'Timijiet Konġunti ta' Investigazzjoni (bit-twaqqif possibbli ta' timijiet ta' investigazzjoni konġunti bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent) u Task Forces Operazzjonali (eż. unitajiet ta' investigazzjoni tal-pulizija, awtoritajiet doganali, Uffiċċji tal-Irkupru tal-Assi, Unitajiet ta' Investigazzjoni Finanzjarja, operazzjonijiet transkonfinali), kif ukoll jippromwovu t-tnedija ta' SIENA għal atturi rilevanti tal-infurzar tal-liġi;
33. jagħmlu użu effettiv mill-għodod tal-I.C.P.O INTERPOL, u b'mod partikolari l-bażi ta' data tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqa u Mitlufa, u jikkondividu b'mod attiv informazzjoni relatata mas-sigurtà permezz tan-network I-24/7, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali u tal-UE;

34. jiżviluppaw kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bbażati fuq ir-Regolament adottat reċentement dwar il-ħolqien ta' network Ewropew ta' uffiċjali ta' kollegament dwar l-immigrazzjoni (Regolament tal-ILOs) UE 2019/1240, u jużaw in-network biex jippromwovu kooperazzjoni istituzzjonali u operazzjonali mas-sħab fir-reġjun;
35. jiżviluppaw stampa konġunta ta' analiżi tar-riskju biex jiżdied l-għarfien tas-sitwazzjoni u jiġu allinjati l-pjanijiet ta' kontinġenza għall-każ tal-influss kbir ta' migrazzjoni mħallta, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-EASO;
36. jintensifikaw l-isforzi mis-sħab tal-Balkani tal-Punent biex il-politiki tagħhom dwar il-viżi jiġu allinjati aktar ma' dawk tal-UE sabiex jiġi żgurat ambjent ta' migrazzjoni u ta' sigurtà ġestit tajjeb;

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI biex:

37. tintensifika, flimkien mal-Istati Membri u s-sħab tal-Balkani tal-Punent, l-isforzi biex tiġi żgurata l-konklużjoni u, fejn meħtieġ, l-emenda rapida, kif ukoll l-implimentazzjoni effiċjenti tal-ftehimiet kollha dwar l-istatus mas-sħab tal-Balkani tal-Punent, biex b'hekk jiġi ffaċilitat it-tisħiħ tal-kooperazzjoni operazzjonali bejnhom u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta;
38. tkompli tivvaluta l-kooperazzjoni mas-sħab tal-Balkani tal-Punent, u l-progress tagħhom, fil-qasam tal-migrazzjoni u s-sigurtà, inkluż fil-qafas ġenerali tar-relazzjonijiet tal-UE mar-reġjun;
39. tivvaluta, flimkien mas-sħab fil-Balkani tal-Punent, miżuri u mekkaniżmi li attwalment qed jiġu implimentati minnhom u biex jesploraw aktar għodod u riżorsi biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-migrazzjoni u tas-sigurtà;

40. tkompli tikkoopera mas-sħab tal-Balkani tal-Punent u tappoġġahom fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent u s-sitt arranġamenti bilaterali relatati;
41. tippromwovi l-iskambju f'waqtu ta' informazzjoni relatata mas-CT, u ssaħħaħ il-kapaċitajiet biex jiġu indirizzati sfidi ta' sigurtà oħrajn, bħat-titjib taċ-ċibersigurtà u, abbażi tar-risultati ta' stħarriġ dwar ir-riskju, ir-reżiljenza għal theddid ibridu;
42. tappoġġa s-sħab tal-Balkani tal-Punent fl-attivitajiet tagħhom għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti u l-ġlieda kontrihom, inkluż permezz tan-Network ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN) u risultati tanġibbli mill-proġetti ffinanzjati mill-UE, u n-Network Reġjonali ta' Koordinaturi Nazzjonali dwar il-Prevenzjoni tal-Estremiżmu Vjolenti u l-Ġlieda Kontrih (RNNC), ippresedut mill-Espert Reġjonali tal-UE Kontra t-Terroriżmu;
43. issegwi l-Evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjan ta' azzjoni 2015-2019 dwar it-traffikar tal-armi tan-nar bejn l-UE u r-reġjun tal-Ewropa tax-Xlokk⁶ u tintegra l-"Pjan direzzjonali għal soluzzjoni sostenibbli għall-pussess illegali, l-użu ħażin u t-traffikar ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom fil-Balkani tal-Punent sal-2024" (il-"Pjan Direzzjonali") fil-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid tal-UE dwar it-traffikar tal-armi tan-nar;
44. tirrifletti fuq u tappoġġa l-iżvilupp mis-sħab fil-Balkani tal-Punent ta' sistemi nazzjonali interoperabbli ta' reġistrazzjoni/kondiviżjoni tad-data dwar l-applikanti għall-asil u l-migranti irregolari - sistemi li jistgħu jiġu mmudellati fuq il-prinċipji tekniċi u ta' protezzjoni tad-data tal-Eurodac, u b'hekk ikun possibbli skambju reġjonali ta' informazzjoni regolari u jiġu żgurati l-interoperabbiltà u l-kompatibbiltà futuri tagħhom mas-sistemi tal-UE;

⁶ COM(2019) 293 finali, 27.06.2019.

45. jesploraw mezzi biex tiżdied aktar il-kooperazzjoni mas-sħab tal-Balkani tal-Punent abbażi ta' possibbiltajiet offruti minn dan l-aħħar Regolament adottat dwar l-ILOs;

JISTIEDEN LILL-AĠENZIJI RILEVANTI TAL-ĠUSTIZZJA U TAL-AFFARIJET INTERNI
sabiex:

46. jikkooperaw mas-sħab tal-Balkani tal-Punent fl-istabbiliment ta' ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni interkonnessi (NCCs) għal effiċjenza fil-politika tal-migrazzjoni, fil-ġestjoni tal-fruntieri u fl-indirizzar tal-isfidi tal-migrazzjoni, kif ukoll biex jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti kollha fil-ħin mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen sabiex tiġi żviluppata analiżi tar-riskju konġunti;
47. iżidu l-kooperazzjoni fost ir-rappreżentanti tal-Aġenziji rilevanti tal-ĠAI fir-reġjun, inkluż il-kooperazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet lokali;
48. isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji u l-Missjonijiet tal-PSDK rilevanti, kif previst fil-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK;
49. jipromwovu l-iskambju ta' informazzjoni u għarfien bejn is-sħab tal-Balkani tal-Punent u l-kontropartijiet tal-UE bħall-Europol, CEPOL, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-EASO, soġġett għar-rekwiżiti rilevanti ta' protezzjoni tad-data, inkluż billi jipprovdu għajjnuna għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-gwardji tal-fruntiera, tal-pulizija u forzi infurzar tal-liġi oħra, tal-gwardji tal-kosta, tal-awtoritajiet tal-asil u tar-ritorn, kif ukoll itejbu l-fluss ta' informazzjoni fil-Balkani tal-Punent u jipromwovu l-użu ta' SIENA fir-reġjun;

50. iżidu l-parteċipazzjoni tas-sħab tal-Balkani tal-Punent fl-azzjonijiet operazzjonali taċ-Ċiklu tal-Politika tal-UE/EMPACT u jappoġġawhom u jkomplu jassistu, kif xieraq, fil-ħolqien jew l-iżvilupp ta' task forces operazzjonali fil-Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali (OAP) kontra l-Faċilitazzjoni tal-Immigrazzjoni Illegali tal-EMPACT, u OAPs oħra rilevanti, sabiex jidentifikaw Miri ta' Valur Għoli ta' gruppi kriminali organizzati transkonfinali, u biex jappoġġaw investigazzjonijiet bħal dawn;
51. jappoġġaw l-iżvilupp mis-sħab tal-Balkani tal-Punent tas-sistemi bijometriċi nazzjonali ta' reġistrazzjoni/kondiviżjoni tad-data dwar l-applikanti għall-asil u l-migranti irregolari - sistemi li jistgħu jiġu mmudellati fuq il-prinċipji tekniċi u ta' protezzjoni tad-data tal-Eurodac, biex b'hekk ikun possibbli skambju reġjonali ta' informazzjoni regolari u jiġu żgurati l-interoperabbiltà u l-kompatibbiltà futuri tagħhom mas-sistemi tal-UE;
52. jimplimentaw l-approċċ tal-UE dwar id-drogi, inkluż il-ġbir tad-data, l-istabbiliment tal-Osservatorji Nazzjonali dwar id-Drogi u ta' Sistema ta' Twissija Bikrija, billi jiġu ffirmati arranġamenti ta' ħidma ulterjuri miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga mas-sħab fir-reġjun u konsegwentement jimplimentawhom.